MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru. 380/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**v**

**John Micallef ta’ 38 sena, iben Carmelo**
**u Gemma nee Zahra, mwieled Tarxien fit-13 ta‘**
**Awissu,**
**1963 u li joqghod fl-indirizz “Peace Flats“, Nru. 2,**
**Triq is-Sajjieda, Zurrieq detentur**
**tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 413263 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Micallef li gie akkuzat talli fis-7 ta‘ Dicembru, 2001 gewwa Hal-Safi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta‘ ismijiet foloz,

jew ta‘ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew wera xihaga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta‘ intraprizi foloz, jew ta‘ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta‘ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta‘ Lm 180 bi hsara ta‘ Mario Vella. Dan bi ksur ta‘ l-artikoli 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta‘ Lm 180 flus ta‘ haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju. Bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta‘ reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi. Bi ksur ta‘ l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li fi stadju ta‘ interrogatorju l-istess akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fil-mori tal-kawza maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni l-Avukat Generali baghat l-artikoli ai termini ta‘ liema jahseb li tista‘ tinstab htija fil-konfront ta‘ John Micallef u cioe:

(a) 141, 308, 309, 310 tal-Kapitlu 9
(b) 141, 293, 294 tal-Kapitlu 9

Rat li moqrija l-artikoli l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (fol 37).

Rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi kif inhu dritt taghha d-Difiza ma ghazlet li ttellgha ebda prova. Min-naha taghha l-Prosekuzzjoni senjalament ressqet is-segwenti provi – l-fatt illi fi zmien ta‘ l-allegat reat l-akkuzat kien ufficjal tal-Korp tal-Pulizija (vide xhieda ta‘ WPC 81 Louise Grech fol 24A u Dok LG fol25).

Dan huwa fatt ammess mill-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu Dok JM fol 16-18.

Prova ohra ta‘ importanza huwa dak li xehed il-parti leza Mario Vella. Dan irrakkonta kif l-akkuzat hadlu somma flus bil-pretensjoni li kien se jgiblu mill-Germanja sistema ta‘ closed circuit cameras, li pero‘ ma waslet qatt. Tant kien konvincenti dan Micallef li sahansitra wera lill-parti leza ritratti u leaflets ta‘ din is-sistema. L-akkuzat kien anke ta parir lill-parti leza fejn kellu jqieghed il-cameras fil-petrol station. Xehed Vella li hu gera wara l-akkuzat kemm ghal din is-sistema CCTV u sussegwentement anke ghal flusu lura. Jghid li l-akkuzat kien jghidlu bhala skuza ghala ma kinitx waslet din “CCTV system“ l-fatt li kien kabbar l-ordni tieghu u kien se jgib erba‘ cameras ohra. Zied il-parti leza illi wara li l-akkuzat kien gie mitkellem mill-Pulizija, kien hallsu s-somma ta’mija u tmenin lira Maltin, cioe s-somma li kien hallsu ghal dawn il-cameras (vide Dok MV1 folio 19).

Min-naha tieghu John Micallef fl-istqarrija kien accettanti tal-fatt li huwa rceva s-somma ta‘ mija u tmenin lira Maltin minghand Mario Vella. Jghid li dawn kienu pero‘ ghal sistema ta‘ alarms li kellhom jinnegozjaw bejniethom u li kellhom jigu mill-Germanja. Qal l-akkuzat illi huwa kellu jipprovdi lill-Pulizija b’kopja ta‘ swift transfer li ghamel ta‘ dan il-flus lejn il-Germanja. Tkellem anke dwar il-fatt li dawn l-alarms mhux CCTVs kellhom jaslu Malta fil-vicin (allura lejn April 2002).

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok dak li tant joghkor lill-Qorti huwa l-fatt illi certament Vella ta Lm 180 lil Micallef dan skond rcevuta ffirmata mill-istess Micallef Dok MV1. Pero‘ jekk Mario

Vella kien bi hsieb li kien se jkun fornut b'sistema ta' CCTV, min-naha tieghu Micallef li jitkellem fuq "alarm systems" accetta li t-tieni parti ta' Dok MV1 jitkellem kollox barra alarm, anzi juri apparat ta' cameras u sistema ta' recording. Di piu certament ma jsirx fuq bicctejn karti kif gie hekk ipprezentat lill-Qorti.

Hija ghalhekk konvinta din il-Qorti li John Micallef ikkrea dik il-messa in scena necessarja biex jigi kostitwit ir-reat ta' frodi u b'hekk b'qerq svesta lil Mario Micallef is-somma ta' mija u tmenin lira Maltin.

Stranament ghalhekk fi stadju ta' stqarrija qal lill-Ufficjal Prosekutur illi kien se jipproduci s-swift transfers, dan meta hu ghazel li jwiegeb minn jeddu moghti l-caution, sa aktar minn xahar wara sal-prezentata, din baqghet ma dehritx.

Illi l-Qorti hija ghalhekk konvinta li l-azzjoni ta' John Micallef jikkostitwixxi dawk l-elementi kollha necessarji biex jigi kostitwit ir-reat ta' frodi taht l-artikolu 308 tal-Kapitlu 9.

Ghaldaqstant issib lil John Micallef hati ai termini tal-artikolu 141, 308, 309, 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tqis lil John Micallef ghandu jigi liberat mir-reati prospettati taht l-artikolu 293 u 294 in kwantu dawn huma akkuzi alternattivi ghal dik ta' frodi u xejn mill-azzjoni ta' John Micallef ma wassal biex jipprova xi element ta' dan ir-reat.

Dwar il-piena ikkonsidrat illi certament il-fedina penali ta' John Micallef hija ghal kollox netta, jirrizulta wkoll illi John Micallef hallas is-somma ta' mija u tmenin lira Maltin lil Marco Vella. Pero' l-ligi trid li Ufficjal Pubbliku jsofri piena aktar gravi minn cittadin li ma jokkupax tali pozizzjoni. Tant illi l-artikolu 141 tal-Kapitlu 9 jaghmilha tassattiva fuq il-Qorti illi darba li ssib il-htija zzid il-piena bi grad. Rat ghalhekk il-piena li jgorr mieghu ir-reat ta' frodi taht l-artikoli gia msemmija, u cioe dik ta' piena karcerarja li tassattivament trid tizdied bi grad u ghaldaqstant qeghda tikkundanna li John Micallef ghal piena karcerarja ta' disa'

xhur, u dan wara li rat ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------